Nru./No. 21,061
Prezz/Price
€3.42

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 30 ta' Mejju, 2023
Tuesday, 30th May, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5941 - 5955
Government Notices ..... *5941 - 5955*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5955 - 5962
Police Notices ..... *5955 - 5962*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 5962 - 5966
Employment Opportunities ..... *5962 - 5966*

Avviżi tal-Gvern ..... 5966 - 5969
Notices ..... *5966 - 5969*

Offerti ..... 5969 - 5974
Tenders ..... *5969 - 5974*

Avviżi tal-Qorti ..... 5974 - 6012
Court Notices ..... *5974 - 6012*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 695

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 696

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Kurunell Alfred Attard mir-Riżerva Individwali tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mill-28 ta' Mejju, 2023.

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 697

KUMITAT ĠENERALI TAL-KUNTRATTI

SKONT ir-Regolamenti 65(1) u 66 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi S.L. 601.03, il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sa Margaret Camilleri bħala membru fuq il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Din il-ħatra hija valida b'seħħ mil-25 ta' Mejju, 2023 sad-9 ta' Awwissu, 2025.

Il-25 ta' Mejju, 2023

Nru. 698

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva t-tiġdid tal-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn ta':

Vella, Dott. Amanda - b'seħħ mit-22 ta' Mejju, 2023.

It-30 ta' Mejju, 2023
(MJCL/67/2017)

GOVERNMENT NOTICES

No. 695

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Monday, 29th May, 2023.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the function of President.

30th May, 2023

No. 696

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Colonel Alfred Attard from the Armed Forces of Malta Individual Reserve of Officers, with effect from the 28th May, 2023.

30th May, 2023

No. 697

GENERAL CONTRACTS COMMITTEE

IN terms of Regulations 65(1) and 66 of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03, the Prime Minister has approved the appointment of Ms Margaret Camilleri as member of the General Contracts Committee.

This appointment is valid with effect from 25th May, 2023 up to 9th August, 2025.

25th May, 2023

No. 698

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is being notified for general information that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister approved the renewal of appointment as Commissioner for Justice for a period of two years of:

Vella, Dr Amanda – with effect from the 22nd May, 2023.

30th May, 2023

Nru. 699

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,058 tat-23 ta' Mejju, 2023 (Avviż Legali 111) u Nru. 21,060 tas-26 ta' Mejju, 2023 (Avviżi Legali 112 sa 114) rispettivament.

A.L. 111 tal-2023: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Pasiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi.

A.L. 112 tal-2023: Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425); Regolamenti tal-2023 dwar l-Esportazzjonijiet u l-Kummerċ tat-Tonn.

A.L. 113 tal-2023: Att tal-2023 li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni (Att Nru XVI tal-2023); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 114 tal-2023: Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) (Att Nru XI tal-2023); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 700

ĦATRA TAL-BORD TA' RIABILITAZZJONI TA' PERSUNI LI NQABDU BID-DROGA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li, bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 6 (1) tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar lid-Dott Antonella Sammut bħala membru fuq il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Din il-ħatra hija valida għal sentejn (2) b'seħħ mit-22 ta' Mejju, 2023.

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 701

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

No. 699

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,058 of 23rd May, 2023 (Legal Notice 111) and No. 21,060 of 26th May, 2023 (Legal Notices 112 to 114) respectively.

L.N. 111 of 2023: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment) Regulations, 2023.

L.N. 112 of 2023: Fisheries Conservation and Management Act (Cap. 425); Exports and Trade of Bluefin Tuna Regulations, 2023.

L.N. 113 of 2023: Various Laws Relating to Building and Construction (Amendment) Act, 2023 (Act No. XVI of 2023); Commencement Notice.

L.N. 114 of 2023: Minor Protection (Alternative Care) (Amendment) Act, 2023 (Act No. XI of 2023); Commencement Notice.

30th May, 2023

No. 700

APPOINTMENT OF THE DRUG OFFENDERS REHABILITATION BOARD

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers vested in him by article 6 (1) of the Drug Dependence (Treatment not Imprisonment) Act, the Minister for Justice, has appointed Dr Antonella Sammut as member on the Drug Offenders Rehabilitation Board. This appointment is valid for two (2) years, as from 22nd May, 2023.

30th May, 2023

No. 701

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Borg, Dott. Steve Joseph, Legal Officer - Dipartiment tal-Ġustizzja

Sant, is-Surġent Lyanne - Pulizija Eżekuttiva

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern f'barra minn Malta

Borg, is-Sa Deborah Maria - Counsellor, Vjenna

Camenzuli, is-Sur Gabriel - Counsellor, Tripli

Engerer, is-Sur Jonathan - First Secretary, Tripli

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

MJEG 21/2020/9
MJEG 21/2020/11
MJEG 21/2021/8

Nru. 702

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 4 ta' Jannar, 2023 mogħtija mill-Office of the District Magistrate, Krishna District, Andhra Pradesh ġewwa l-Indja qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 703

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 23 ta' Diċembru, 2022 mogħtija mid-District Magistrate ġewwa Maharashtra, l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

Public Officers/Employees

Borg, Dr Steve Joseph - Legal Officer, Department of Justice

Sant, Sergeant Lyanne - Executive Police

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Borg, Ms Deborah Maria - Counsellor, Vienna

Camenzuli, Mr Gabriel - Counsellor, Tripoli

Engerer, Mr Jonathan - First Secretary, Tripoli

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

No. 702

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 4th January, 2023 issued by the Office of the District Magistrate, Krishna District, Andhra Pradesh, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

No. 703

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 23rd December, 2022 issued by the District Magistrate, Maharashtra, India is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

Nru. 704

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 18 ta' Jannar, 2023 mogħtija mid-District Magistrate ġewwa Kolkata, l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

No. 704

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 18th January, 2023 issued by the District Magistrate, Kolkata, India is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

Nru. 705

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 23 ta' Ġunju, 1980 mogħtija mill-Colchester and Clacton County Court ġewwa l-Ingilterra qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113 u 130 tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

No. 705

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 23rd June, 1980 issued by the Colchester and Clacton County Court within England is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113 and 130 of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

Nru. 706

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 4 ta' Ġunju, 2007 mogħtija mill-North Tyneside Family Proceedings Court ġewwa l-Ingilterra qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

No. 706

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 4th June, 2007 issued by the North Tyneside Family Proceedings Court, England is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

Nru. 707

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 17 ta' Diċembru, 2022 mogħtija mill- District Magistrate Rahul Kr. Sinha ġewwa Ranchi, l-Indja qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

No. 707

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 17th December, 2022 issued by the District Magistrate Rahul Kr. Sinha, Ranchi, India is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

Nru. 708

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 21 ta' Ġunju, 2017 mogħtija mill-Qrati ta' Tokyo ġewwa il-Ġappun qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113 u 130 tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

No. 708

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 21st June, 2017 issued by the Courts in Tokyo, Japan is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

Nru. 709

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 12 ta' Diċembru, 2022 mogħtija mill-Office of the District Magistrate, ġewwa Narmadapuram, l-Indja qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-30 ta' Mejju, 2023

No. 709

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 12th December, 2022 issued by the Office of the District Magistrate, Narmadapuram, India, is being spcified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

30th May, 2023

Nru. 710

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 710

NAMING OF STREETS IN MALTA


IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

ĦAL GĦAXAQ

Triq mingħajr isem uffiċjali li tinsab bejn Triq Giovanni Scicluna u Triq Tal-Qattus, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ FILIPPO CASTAGNA

PATRIJOTT
1765 - 1830




IL-MOSTA

SANZJONAR

Triq komunement magħrufa bħala Triq Burmarrad li tibda k/m Triq il-Bidnija u tispiċċa k/m Triq Għajn Riħana, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ BURMARRAD



IL-MOSTA

SANZJONAR

Sqaq komunement magħruf bħala Sqaq Taċ-Ċawla, li tidħol għalih minn Triq San Pawl tal-Qliegħa, indikat b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


SQAQ TAĊ-ĊAWLA



IL-MOSTA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq Tal-Qares u tispiċċa k/m Triq id-Difiża Ċivili, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ L-GĦASSARA



IL-MOSTA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq Ta' Piru, imsemmija f'din in-Notifikazzjoni, u tispiċċa k/m Triq l-Imġarr, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ TAL-MAĊEDONJA



IL-MOSTA

Parti minn Triq Stivala li tibda k/m Triq il-Bażilika u tispiċċa k/m Trejqa Sant'Anna, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ
MONS. JOE CARABOTT
ARĊIPRIET
1936 - 2022



IL-MOSTA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tidħol għaliha mit-triq komunement magħrufa bħala Triq Ta' Żejfa, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ TA' PIRU



IL-MOSTA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tidħol għaliha mit-triq komunement magħrufa bħala Triq Ta' Żejfa, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ TA' SREJĠU



SAN ĠILJAN

Ir-roundabout flimkien mal-parti tat-triq li tibda k/m Triq Mikielanġ Borg u tispiċċa k/m Taraġ in-Nixxiegħa, indikata fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

PJAZZA
QALB TA' ĠESÙ



IS-SIĠĠIEWI

Triq mingħajr isem uffiċjali, li tidħol għaliha minn Triq Nicolò Baldacchino, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ EUSEBIO BUHAGIAR
ARTIST u FILANTROPU
1950 - 2017



IS-SIĠĠIEWI

Triq mingħajr isem uffiċjali, li tibda minn k/m Triq Dun Manwel Zammit u tispiċċa k/m Triq is-Siġġiewi, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ KARMENU BONELLO
ĦABRIEKI GĦAR-RAĦAL
1960 - 1987



IS-SIĠĠIEWI

Triq Ġdida fi Triq is-Siġġiewi, li tibda minn k/m Triq is-Siġġiewi u tispiċċa k/m Triq Mons. Mikiel Azzopardi, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ
IL-PALAZZ TAL-VERDALA



Nru. 711

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 335 tas-7 ta' Mejju, 1974, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 711

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 335 dated 7th May, 1974, under the title 'Renumbering of doors', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

TRIQ NICOLÒ ISOUARD

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kostituzzjoni

Left side entering from Triq il-Kostituzzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kostituzzjoni

Right side entering from Triq il-Kostituzzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	52
My Nest	54
St Andrew	56
Kev	58
Haller	60

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
52 (Garaxx)	52
Bieb bla numru (Flettijiet)	**54**
Bieb bla numru	**56**
Garaxx	**58**
60, Haller	60

It-30 ta' Mejju, 2023

30th May, 2023

Nru. 712

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 629 tal-20 ta' Lulju, 2001 u 1191 tas-27 ta' Settembru, 2019, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 712

NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 629 dated 20th July, 2001 and 1191 dated 27th September, 2019, under the title 'Renumbering of doors at In-Naxxar', the following amendments in **bold** should be made.

IN-NAXXAR

8. TRIQ ID-DEJQA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Imdina

Left side entering from Triq l-Imdina

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Imdina

Right side entering from Triq l-Imdina

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Victor Mansions	4
6	6
8	8
10, Paul & Margaret	10

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4, Victoria Mansions	4
8	**6**
Bieb bla numru	**8**
10	10

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 713

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN PAWL IL-BAĦAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 991 tal-24 ta' Novembru, 2006, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Pawl il-Baħar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

30th May, 2023

No. 713

NUMBERING OF DOORS AT SAN PAWL IL-BAĦAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 991 dated 24th November, 2006, under the title 'Renumbering of doors at San Pawl il-Baħar', the following amendments in **bold** should be made.

SAN PAWL IL-BAĦAR

9. TRIQ PATRI ĠUŻEPP CALLEJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Bordino

Left side entering from Triq Bordino

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	17
Sit bla bini	19
Sit bla bini	21
Bieb bla numru	23

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Bordino

Right side entering from Triq Bordino

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
17 (Garaxx)	17
Bieb bla numru (Dar)	**19**
Garaxx	**21**
23	23

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 714

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

Kjarifika

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1415 tal-14 ta' Ottubru, 2022, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Siġġiewi', għandha ssir din il-kjarifika kif indikata b'tipi **grassi**.

30th May, 2023

No. 714

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

Clarification

WITH reference to Government Notice No. 1415 dated 14th October, 2022, under the title 'Numbering of doors at Is-Siġġiewi', the following clarification in **bold** should be made.

IS-SIĠĠIEWI

6. TRIQ SANTA MARGERITA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Misraħ San Ġwann

Left side entering from Misraħ San Ġwann

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Misraħ San Ġwann

Right side entering from Misraħ San Ġwann

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	138

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru (Dar)	**138**

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 715

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

30th May, 2023

No. 715

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni ghall-liċenza bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Milva (Maria-Milva) Gatt	636563 (M)	34, Triq id-Dejqa, Bormla
Ahlam Mohamed Ahmed Tawair	Ref: 34107	El Sueno, Flat 3, Triq il-Qawsalla, Marsaskala
Kristijan Mickoski	394790 (A)	20, Rovidal Crt, Blk A Flat 5, Triq Sammy Bartolo, il-Mellieħa
Giriprasad Haridas	269348 (A)	35, Giovanna Flat 2, Triq Fra Duminku Mifsud, Għargħur
Joseph Azzopardi	343064 (M)	144, Flat 7, Triq il-Pellegrinagg, Bormla
Ram Gurung	348796 (A)	137, It-Tikka, Triq Luqa Briffa, il-Gżira
Darren George Attard	8090 (G)	20, Triq Kemmuna, Għajnsielem Għawdex
Sapana Dc Lama	355826 (A)	Princess Crt Blk B Flat 1, Triq il-Karmnu, San Ġiljan
Bishal Budhathoki	306945 (A)	Princess Crt Blk B Flat 2, Triq il-Karmnu, San Ġiljan
Muhammad Zaeem	285026 (A)	St Anthony, Flat 2, Triq il-Ballottra, il-Mosta
Prakash Gurung	321759 (A)	15, Flat 3, Triq San Pawl, Bormla
Stephen Schembri	371680 (M)	15, Triq Eldorado, il-Ħamrun
Marko Sepic	345630 (A)	237, Flat 1, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke
Aleksandra Stojanovic	358517 (A)	76, Flat 3, Triq il-Kunċizzjoni, l-Imsida
Philip Tony Buhagiar	10797 (M)	270, Sqaq Sampusa, Birkirkara
Charlot Hili	419881 (M)	41, Mandalay, Flat 9, Triq San Ġużepp, il-Mellieħa
Sonia Spiteri	142275 (M)	22, Mon Cheri, Triq Pawlu Cassar, Ħal Għaxaq
Serhii Pedan	34177 (A)	Gemini Crt, Flat 3, Triq it-Torri, l-Imsida
Caroline Caruana	36180 (M)	40 C J, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq
Robert Frendo	416260 (M)	54, Triq Lampuka, Paola
Sami Ullah	246441 (A)	Emerald Crt, Flat 1, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar

Kristijan Dimovski	356788 (A)	Ivy Dean Hamlet, Flat 6, Triq Luigi Apap, San Ġiljan
Isaac Gatt	44101 (L)	Liedna Crt, Flat 4, Triq il-Liedna, il-Fgura
Dennis Bugeja	561190 (M)	Kenur Crt, Flat 1, Triq ix-Xlendi, Munxar, Għawdex
Karna Bahadur Thapa	375038 (A)	16, Gardenia, Triq is-Sisla, Swatar, Birkirkara
Sajid Ali	278685 (A)	31, Linda, Triq Ġużè Damato, Paola
Anish Gurung	309537 (A)	
Bishal Sedhai	351662 (A)	31, Triq Zammit Clapp, Tal-Pietà
Antoinette Buttigieg	134377 (M)	27, Triq Fuq Verdala, Bormla
Dounia Borg	372597 (M)	40 ,Josphil, Triq San Rokku, Ħaż-Żebbuġ
Rajendra Tamang	373105 (A)	16, Gardenia, Triq is-Sisla, Swatar Birkirkara
Xhonatan Ekmekciu	362450 (A)	Crystal Complex, Flat 14, Triq il-Ħalel, San Pawl il-Baħar
Klajdi Metani	378087 (A)	Crystal Complex. Flat 14, Triq il-Ħalel, San Pawl il-Baħar
Eric Sciberras Balbi	198690 (M)	95. Flat 3, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà
Mallikarjun Rao Ramireddy	315996 (A)	Binja l-Egħnieq, Flat 6, Triq il-Ħamrija, in-Naxxar.
Joju Francis	259401 (A)	Fredvir Apartments Flat 1, Misraħ Hamilkar Barka, Birżebbuġa
Isaac Bugeja	108604 (L)	157, Brivin, Triq l-Iskola, Ħaż-Żabbar
Waylon Taliana	168504 (L)	19, Spiteri Crt, Blk C Flat 2, Triq it-Tmun, San Pawl il-Baħar
Joanne Attard	428877 (M)	4, Josanne, Triq Correa, Ħal Qormi
Jerzack Zerafa	329204 (L)	Pija, Flat 2, Triq San Tumas, Ħal Safi
Ashley Martin Mifsud	84385 (M)	De Rohan Flat 1, Triq tal-Imgħażel, Ħaż-Żebbuġ
Kenneth Muscat	531795 (M)	77, California, Triq Mile End, il-Ħamrun
Naomi Meilak	280302 (L)	134, Flat 6, Triq Bajada, Ħaż-Żabbar
Clayton Scerri	447394 (M)	Luclay, Triq id-Daħla ta' San Tumas, iż-Żejtun
Chhetra Pratap Gurung	297036 (A)	83, Tramuntana Apts, Flat 1, Triq Axtart, Marsaxlokk
Wayne Bugeja	10096 (M)	Blk 2, Flat 4, Triq San Ġwann, il-Belt Valletta
Luke Vella	431689 (M)	124, Akoya Apts, Flat 3, Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ
Anil Khadka	200477 (A)	Sweet Lord, Triq Willie Attard, il-Ħamrun
Subash Suyal	338471 (A)	9, Ice Flats Flat 1, Triq l-Isqof F.S Caruana, l-Imsida
Jeevan Mamidi	252893 (A)	11, Chrisan Crt, Flat 4, Triq ix-Xmiel, Marsaskala
Raj Kumar Rai	315709 (A)	334, St.Philip Crt, Flat 5, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ
Alan Zammit	603883 (M)	10, Marlan, Triq San Pawl, Ħal Qormi
Davide Micallef	52705 (L)	48, Bliss, Triq San Franġisk, il-Ħamrun
Mihajlo Jerotivjevic	107922 (L)	Verdala, Flat 21, Ix-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan
Pim Bahadur KC	314807 (A)	University Residence, Triq Robert Mifsud Bonnici, Ħal Lija
Melchior Azzopardi	42581 (M)	Dolphin Crt, Flat 6, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar
Noel Julian Galea	525392 (M)	Tal-Vitorja, Flat 6A, Triq Ta' Karkar, ix-Xagħra, Għawdex
Giovanna Spiteri	441462 (M)	60, Linnet, Triq il-Witja, Ħal Tarxien
Rita Manicolo	200463 (M)	19, Triq Patri G.Spiteri Fremond, Ħal Qormi

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 716

KONSLU ONORARJU TAN-NEPAL F'MALTA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern tan-Nepal ħatar lil Dr Johnaton Abela bħala Konslu Onorarju tan-Nepal f'Malta.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:
Alfaran Trailers
Triq Ħal Far,
Ħal Far

Numru tat-telefown: +356 216 51791
Indrizz Elettroniku: (Legal@alfaran.eu)

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 717

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Tiġdid tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 681 tal-10 ta' Ġunju, 2022

ID-DIRETTORAT għal Ħarsien tal-pjanti b'din jgħarraf illi n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 681, li ġiet maħruġa fl-

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

30th May, 2023

No. 716

HONORARY CONSUL OF NEPAL IN MALTA

IT is hereby notified for general information that the Government of Nepal has appointed Dr Johnaton Abela as Honorary Consul of Nepal in Malta.

The Honorary Consulate is situated at:
Alfaran Trailers
Triq Ħal Far,
Ħal Far

Telephone Number: +356 2165 1791
Email: (Legal@alfaran.eu)

30th May, 2023

No. 717

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, AND ANIMAL RIGHTS

Renewal of Government Notice No. 681 of 10th June, 2022

THE Plant Protection Directorate hereby notifies that Government Notice number 681, issued on 10th June, 2022

10 ta' Ġunju, 2022 dwar il ġestjoni ta' siġar tal-palm ġewwa siti magħżula, qegħda tiġi mġedda.

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 718

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
30.5.2023	€58.429	€0.695

It-30 ta' Mejju, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 101

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan/San Ġwann/Il-Balluta

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023 mid-9.30 a.m. sal-10.00 a.m. toroq magħluqa fil-Balluta, San Ġiljan minn Triq Ċensu Tabone u Triq it-Torri.

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023 mis-6.15 p.m. sat-8.00 p.m. toroq magħluqa f'San Ġwann minn Triq il-Kappella, Triq il-Pepprin, Triq l-Iskola, Triq Frejża, Triq il-Gladjoli, Triq Lantana, Triq Qronfol, Triq il-Kappella u lura għal Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ġunju, 2023 mis-7.30 p.m. sad-9.00 p.m. toroq magħluqa f'San Ġiljan minn Triq Lapsi, Triq Sant' Anġlu, Triq Sant'Elija, Triq il-Kbira u Triq Mons. Guido Calleja.

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023 toroq magħluqa Pembroke mill-5.30 p.m. sad-9.30 p.m. minn Trejqet San Ġorġ Preca, Triq Don Luigi Rigord, Patri Indri Vella u Triq l-Isqof A. Portelli.

on the management of palm trees within designated sites, is being renewed.

30th May, 2023

No. 718

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
30.5.2023	€58.429	€0.695

30th May, 2023

POLICE NOTICE

No. 101

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

San Ġiljan/San Ġwann/Balluta

On Sunday, 4th June, 2023 from 9.30 a.m. till 10.00 a.m. closed streets in Balluta, San Ġiljan through Triq Ċensu Tabone and Triq it-Torri.

On Thursday, 8th June, 2023 from 6.15 p.m. till 8.00 p.m. closed streets in San Ġwann minn Triq il-Kappella, Triq il-Pepprin, Triq l-Iskola, Triq Frejża, Triq il-Gladjoli, Triq Lantana, Triq Qronfol, Triq il-Kappella and back to the Parish Church.

On Sunday, 11th June, 2023 from 7.30 p.m. till 9.00 p.m. closed streets in San Ġiljan through Triq Lapsi, Triq Sant' Anġlu, Triq Sant'Elija, Triq il-Kbira and Triq Mons. Guido Calleja.

On Friday, 16th June, 2023 closed streets in Pembroke from 5.30 p.m. till 9.30 p.m. through Trejqet San Ġorġ Preca, Triq Don Luigi Rigord, Patri Indri Vella and Triq l-Isqof A. Portelli.

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023 mis-7.00 p.m. sat-8.30 p.m. toroq magħluqa fil-Balluta, San Ġiljan minn Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal- Balluta, Triq Manwel Dimech, Triq Gafar, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq it-Torri u Triq Ċensu Tabone sal-Knisja Parrokkjali tal-Balluta.

Santa Venera

Nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023 mis-6.00 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq l-Għolja, Triq Pietru Dacoutros, Triq il-Palazz l-Aħmar u Triq il-Batterija.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-30 ta' Mejju, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 102

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Pembroke

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023 mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m. karozzi fi Trejqet San Ġorġ Preca se jkunu rmunkati.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-30 ta' Mejju, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 103

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

On Friday, 16th June, 2023 from 7.00 p.m. till 8.30 p.m. closed streets in Balluta, San Ġiljan through Triq Ċensu Tabone, Pjazza tal-Balluta, Triq Manwel Dimech, Triq Gafar, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Triq it-Torri and Triq Ċensu Tabone till Balluta Parish Church.

Santa Venera

On Wednesday, 31st May, 2023 from 6.00 p.m. till 9.30 p.m. through Triq l-Għolja, Triq Pietru Dacoutros, Triq il-Palazz l-Aħmar and Triq il-Batterija.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

30th May, 2023

POLICE NOTICE

No. 102

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Pembroke

On Friday, 16th June, 2023 from 5.30 p.m. till 7.00 p.m. cars in Trejqet San Ġorġ Preca will be towed away.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

30th May, 2023

POLICE NOTICE

No. 103

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023 mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m. purċissjoni minn Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Triq Sciortino u Misraħ San Filippu.

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2023 mis-1.00 p.m. sa nofsillejl għeluq ta' Misraħ San Filippu.

Mill-Ġimgħa 2 ta' Ġunju, 2023 sat-Tlieta, 13 ta' Ġunju, 2023 għeluq ta' Triq Sciortino u part mit-triq tal-każin tal-banda u hemm bżonn clearance ta' vetturi.

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2023 mis-1.00 p.m. sa nofsillejl minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023 mill-11.00 a.m. sa nofsillejl minn Misraħ San Filippu.

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023 mit-8.00 p.m. sal-11.00 p.m. f'Misraħ San Filippu u Misraħ San Filippu se tkun magħluqa mill-11.00 a.m.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023 mit-8.00 p.m. sal-11.00 p.m. miz-zuntier, Misraħ San Filippu, u Triq Sciortino sa quddiem il-każin tal-banda San Filippu.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023 marċ mit-8.00 p.m. sal-11.00 p.m. tibda minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023 mis-6.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq Sciortino u Misraħ San Filippu.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023 mill-10.00 a.m. sat-Tlieta, 6 ta' Ġunju, 2023 fil-11.30 p.m. minn Triq Sciortino ħdejn l-iskola sal-pompa tal-petrol.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023 mis-6.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Sciortino.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. minn Vjal il-Ħelsien sa Bieb Rohan, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira, Misraħ San Filippu u Triq Sciortino (min-naħa tal-każin tal-banda San Filippu band sal-każin tal-banda 12th May). Hemm bżonn clearance fi Triq Sciortino.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023 u it-Tlieta, 6 ta' Ġunju, 2023 għeluq ta' Triq Sciortino ħdejn l-iskola sal-pompa tal-petrol.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. marċ tibda minn Vjal il-Ħelsien ħdejn bieb De Rohan, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira u Misraħ San Filippu.

Ħaż-Żebbuġ

On Wednesday, 31st May, 2023 from 6.00 p.m. till 9.00 p.m. procession through Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Triq Sciortino and Misraħ San Filippu.

On Friday, 2nd June, 2023 from 1.00 p.m. till midnight closure of Misraħ San Filippu.

From Friday, 2nd June, 2023 till Tuesday, 13th June, 2023 closure of Triq Sciortino and part of the band club street and vehicle clearance is needed.

On Friday, 2nd June, 2023 from 1.00 p.m. till midnight through Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

On Saturday, 3rd June, 2023 from 11.00 a.m. till midnight through Misraħ San Filippu.

On Saturday, 3rd June, 2023 from 8.00 p.m. till 11.00 p.m. in Misraħ San Filippu and Misraħ San Filippu will be closed from 11.00 a.m.

On Sunday, 4th June, 2023 from 8.00 p.m. till 11.00 p.m. from parvis, Misraħ San Filippu, and Triq Sciortino until in front of San Filippu band club.

On Sunday, 4th June, 2023 band march from 8.00 p.m. till 11.00 p.m. starting from Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

On Sunday, 4th June, 2023 from 6.00 a.m. till midnight through Triq Sciortino and Misraħ San Filippu.

On Monday, 5th June, 2023 from 10.00 a.m. till Tuesday, 6th June, 2023 at 11.30 p.m. through Triq Sciortino next to school until petrol station.

On Monday, 5th June, 2023 from 6.00 a.m. onwards through Triq Sciortino.

On Monday, 5th June, 2023 from 8.30 p.m. till 11.30 p.m. through Vjal il-Ħelsien until De Rohan Gate, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira, Misraħ San Filippu and Triq Sciortino (from San Filippu band club side until 12th May band club). There is need of clearance in Triq Sciortino.

On Monday, 5th June, 2023 and Tuesday, 6th June, 2023 closure of Triq Sciortino next to the school until the petrol station.

On Monday, 5th June, 2023 from 8.30 p.m. till 11.30 p.m. band march starting from Vjal il-Ħelsien near De Rohan Gate, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira and Misraħ San Filippu.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023 mis-6.00 a.m. 'il quddiem, parti minn Triq Sciortino ħdejn il-pompa tal-petrol se jkun magħluq.

On Monday, 5th June, 2023 from 6.00 a.m. onwards, part of Triq Sciortino next to petrol station will be closed.

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Ġunju, 2023 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. marċ jibda minn Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq Campis, Triq l-Isqof, Triq De Rohan, Triq Dun Miju Zarb, Vjal il-Ħelsien, Triq Aggira, Triq L. Pisani, Triq Lor Gafà, Triq Dun F Calleja, Triq F Sammut u Triq il-Kbira.

On Tuesday, 6th June, 2023 from 8.30 p.m. till 11.30 p.m. band march starting from Misraħ San Filippu, Triq il-Kbira, Triq Campis, Triq l-Isqof, Triq De Rohan, Triq Dun Miju Zarb, Vjal il-Ħelsien, Triq Aggira, Triq L. Pisani, Triq Lor Gafà, Triq Dun F Calleja, Triq F Sammut and Triq il-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ġunju, 2023 mid-8.45 p.m. sas-00.45 a.m. minn Misraħ San Filippu from iz-zuntier towards PN club, Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġlu, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Triq Sciortino u ħdejn il-każin tal-banda San Filippu Band sal-każin tal-banda 12th May.

On Wednesday, 7th June, 2023 from 8.45 p.m. till 00.45 a.m. through Misraħ San Filippu from the parvis towards PN club, Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġlu, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Triq Sciortino and next to San Filippu Band Club until 12th May Band Club.

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ġunju, 2023 mid-8.45 p.m. sas-00.45 a.m. marċ minn Misraħ San Filippu, Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġlu, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira u Triq Sciortino.

On Wednesday, 7th June, 2023 from 8.45 p.m. till 00.45 a.m. band march through Misraħ San Filippu, Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġlu, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira and Triq Sciortino.

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ġunju, 2023 mis-7.00 p.m. sa 11.45 p.m. minn Triq Sciortino.

On Wednesday, 7th June, 2023 from 7.00 p.m. till 11.45 p.m. through Triq Sciortino.

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023 mid-8.45 p.m. sas-00.45 a.m. marċ miz-zuntier, Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof , Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq tad-Dawl, Triq Vassalli, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli u Triq il-Kbira.

On Thursday, 8th June, 2023 from 8.45 p.m. till 00.45 a.m. band march through parvis, Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof , Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq tad-Dawl, Triq Vassalli, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli and Triq il-Kbira.

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023 mid-8.45 p.m. sas-00.45a.m. marċ jibda minn Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq tad-Dawl, Triq Vassalli, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli u Triq il-Kbira.

On Thursday, 8th June, 2023 from 8.45 p.m. till 00.45 a.m. band march starting from Misraħ San Filippu, Triq Sciortino, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq tad-Dawl, Triq Vassalli, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli and Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, 2023 mid-8.45 p.m. sa nofsillejl marċ miz-zuntier, Triq Sciortino ħdejn San Filippu band club u mbagħad hemm programm mużikali quddiem il-każin tal-banda 12th May. Se jkun hemm bżonn clearance f'Misraħ il-Ħelsien u Triq Sciortino ħdejn il-każin tal-banda 12th May.

On Friday, 9th June, 2023 from 8.45 p.m. till midnight band march from parvis, Triq Sciortino next to San Filippu band club and then musical programme will be held infront of 12th May band club. There will be the need of clearance of Misraħ il-Ħelsien and Triq Sciortino next to the 12th May band club.

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, 2023 mis-7.00 p.m. sas-2.00 a.m. minn Triq Sciortino u Misraħ San Filippu.

On Friday, 9th June, 2023 from 7.00 p.m. till 2.00 a.m. through Triq Sciortino and Misraħ San Filippu.

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, 2023 marċ mid-8.45 p.m. sa nofsillejl minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

On Friday, 9th June, 2023 band march from 8.45 p.m. till midnight through Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

